**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija mill-iSpeaker l-Onor Michael Frendo**
**Seduta 315 tas-16 ta' Frar**

Fis-seduta ta' dalgħodu, l-Erbgħa 16 ta' Frar, 2011, seduta numru 315, l-Onor. Joe Mizzi talab li l-Kamra, wara li tlesti x-xogħol tagħha llum, taġġorna għal għada l-Ħamis, jiġifieri s-17 ta' Frar, 2011 biex tiddiskuti xogħol ta' membri privati. Fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, meta s-Sedja kienet se titlob li jitressaq l-Aġġornament, l-istess Onor. Joe Mizzi qam u għamel riferenza għat-talba tiegħu għal dan ir-ruling u fuq invit tas-Sedja jekk riedx jagħmel sottomissjonijiet, spjega li għandhom japplikaw l-Ordnijiet Permanenti, partikolarment l-Ordni Permanenti 8 u li l-Kamra tiġi aġġornata għal għada l-Ħamis biex isir xogħol ta' membri privati u li f'dak il-każ għandha tiġi diskussa l-mozzjoni tal-Kap tal-Oppożizzjoni mressqa fl-14 ta' Frar, 2011 għaliex din hija ta' importanza nazzjonali u li favurha, fi kliemu, hemm maġġoranza dikjarata tal-Kamra.

L-Onor. Joe Mizzi u l-Onor. Anġlu Farrugia sostnew ukoll li l-Mozzjoni ta' Proċedura addottata minn din il-Kamra tikkontempla li l-Kamra tiltaqa' l-Ħamis u li allura l-Ordni Permanenti 8 huwa applikabbli.

L-Onor. Tonio Borg sostna li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura l-Kamra għandha tiltaqa' t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa u li l-Ordni Permanenti 8 għalhekk m'għadux applikabbli.

Is-Sedja semgħet is-sottomissjonijiet magħmula minn diversi membri tal-Kamra.

L-issue li hawnhekk trid tiġi deċiża hija għar-rigward tal-applikazzjoni tal-Mozzjoni ta' Proċedura għall-ġranet li fihom tiltaqa' l-Kamra u kif din timpinġi fuq l-Ordnijiet Permanenti, u jekk fil-fatt din l-istess Mozzjoni tħallix lok li jkunu applikati dawn l-istess Ordnijiet Permanenti għar-rigward tal-ġranet meta din il-Kamra trid tiltaqa'.

Is-Sedja eżaminat il-Mozzjoni ta' Proċedura approvata minn dan il-Parlament fis-Seduta 86 tat-2 ta' Marzu, 2009, li tgħid hekk - se nikkwota:
"(A) Sakemm ma jingħatax avviż mod ieħor fil-mozzjoni tal-aġġornament u sakemm ma jkunx hemm mozzjoni proċedurali oħra, il-Kamra tiltaqa' kull nhar ta' Tnejn, Tlieta u Erbgħa."

Għaldaqstant huwa ċar ħafna li l-ġranet li fihom tiltaqa' l-Kamra huma t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, u dan sakemm ma jkunx hemm avviż mod ieħor fil-mozzjoni tal-aġġornament u sakemm ma jkunx hemm mozzjoni proċedurali oħra. U żżid tgħid is-Sedja, sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra li ltaqa' llum stess ma wasalx għal ftehim dwar il-programm tax-xogħol mil-lum 'il quddiem.

L-istess Mozzjoni tkompli tgħid li - se nikkwota:

"Meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis, kemm filgħodu u kemm filgħaxija, għandu japplika dak li hemm kontemplat fl-Ordni Permanenti 8(2)".

Is-Sedja tinnota li r-riferenza għal laqgħa ta' din il-Kamra nhar ta' Ħamis fir-Riżoluzzjoni hija potestattiva u mhux mandatorja u dan huwa inoltre muri bil-fatt li l-istess Mozzjoni ta'

Proċedura tagħmel riferenza għall-Ordni Permanenti 8(2) u mhux għall-Ordni Permanenti 8(1) għaliex dan tal-aħħar ġie sostitwit bit-termini tal-Mozzjoni nnifisha bil-paragrafu (A)(i).

Dawn huma r-regolamenti tal-Kamra kif illum viġenti u s-Sedja hija marbuta li timxi magħhom. Madankollu s-Sedja, kif għamlet ukoll fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ppreseduta minnha llum stess, tagħmel appell biex jintlaħaq ftehim, kif sar sa issa, li jinstab spazju għal diskussjoni f'dan il-Parlament, kif dejjem sar sa issa f'din il-leġislatura, ta' xogħol ta' membri privati.

Għalhekk, billi x-xogħol tal-Kamra huwa interrott, nitlob lill-Kap tal-Kamra jressaq l-Aġġornament.